MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1669/2004

**MIM Training & Development Services Limited**
**li tiggestixxi il-Malta Institute of Management**

**Vs**

**Alain Mark Grima**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm875) rapprezentanti somma bilancjali minnu dovuta ghad-'Diploma Intake 4' *tuition fees*.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-ammont pretiz u mitlub fl-Avviz m'huwiex dovut ghad li jirrapprezenta valur ta' servizz li ma giex rez u li ghalhekk ma jistax jintalab il-hlas relattiv. Inoltre, l-ammont pretiz u mitlub ma jirrapprezentax xi dannu li verament u effettivament gie kkawzat lis-socjeta' attrici u ghalhekk lanqas taht din il-forma ma jista' jintalab.

Ra l-Affidavit ta' Anthony Padovani.

Sema' x-xhieda ta' Antoine Barbara, Richard Scerri u tal-konvenut.

Sema' l-kontro-ezami ta' Anthony Padovani.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Chris Cilia ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Pio Valletta ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut gie accettat biex jaghmel Management Course mas-socjeta' attrici, liema kors kien imhejji li jdum sentejn versu *tuition fee* ta' elf seba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm1,775).

Dwar dan harget ittra mill-Malta Institute of Management li tinsab a fol 21 tal-process u l-konvenut accetta l-kundizzjonijiet hemm stipulati u ghalhekk din l-ittra tikkostitwixxi l-kuntratt li gie pattwit bejn il-partijiet.
Il-konvenut hallas tmien mitt lira Maltin (Lm800), kien hemm skont ta' mitt lira Maltin (Lm100) ohra, biex b'hekk baqa' l-bilanc ta' tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm875) li huwa l-mertu mitlub f'din il-kawza.

Jirrizulta illi l-konvenut attenda ghall-ewwel sena u ghalkemm ghamel l-ezamijiet ta' l-ewwel sena, m'ghaddiex mill-ezamijiet kollha u kellu *resit* f'suggett wiehed li spicca biex m'ghamlux. Ghat-tieni sena huwa m'attendiex u spicca li qatt m'ghamel it-tieni sena tal-kors. Il-konvenut isostni illi fil-fatt huwa ma setax jaghmel it-tieni

sena tal-kors minhabba ragunijiet li zammewh milli jattendi u kien avza lis-socjeta' attrici dwar dan. Fil-fatt jirrizulta mill-atti illi l-konvenut jahdem *family concern* cjoe', mal-Bristow Potteries Ltd u zidulu x-xoghol u ghalhekk huwa rrealizza illi ma setax ikompli jahdem u jattendi ghall-kors u talab li jipposponi l-attendenza tieghu ghal dan il-kors b'sena liema talba giet milqugha. Izda gara illi meta giet is-sena ta' wara, kien hemm bidla fil-*management* tas-socjeta' attrici u l-konvenut ircieva ittra interpellatorja minghand l-avukat tas-socjeta' attrici sabiex ihallas il-bilanc mertu tal-kawza odjerna. Meta l-konvenut ircieva din l-ittra huwa talab li l-ammont mitlub jigi kkancellat, izda din it-talba ma gietx milqugha tant li gew istitwiti l-proceduri odjerni.

In vista tal-premess huwa evidenti li ma ntlahaq l-ebda ftehim bejn il-partijiet li l-ammont mitlub jigi kkancellat. Il-ftehim originali li gie kkuntrattat bejn il-partijiet ghadu jsehh bid-differenza li l-konvenut inghata l-possibbilta' li jipposponi l-attendenza ghat-tieni sena b'sena.

Il-konvenut sostna wkoll illi da parti tas-socjeta' attrici hemm arrikkiment indebitu stante illi l-konvenut m'ghamilx il-kors, izda f'dan ir-rigward jirrizulta illi l-kors kien *available* ghall-konvenut u kien il-konvenut li ghazel li ma jattendix.

It-Tribunal huwa konvint illi l-ispejjez sabiex jigi mhejji u mfassal il-kors ikun hemm *fixed expenses*, billi l-ghalliema jridu jithallsu indipendentement jekk hemmx ghaxra jew hmistax-il student u inoltre, l-uzu tal-post irid jithallas ukoll. Certu *overheads* jibqghu fissi indipendentement kemm ikunu studenti ghalkemm, naturalment, jekk ikun hemm anqas studenti tiffranka ftit mill-uzu tal-materjal bhalma huma l-karti, u l-ghalliema jkollhom inqas xoghol bhal *corrections* ta' l-*assignments*.

Illi fic-cirkostanzi kif inhuma, t-Tribunal ma jhossx li ghandu jkun hemm xi temperament fuq l-ammont mitlub u dan billi r-raguni li l-konvenut ta biex ma jattendix il-kors, kienu raguni li seta', bi ftit organizzazzjoni da parti tieghu u ma' membri ohra tal-familja tieghu, facilment jirranga

halli jithalla jattendi l-ftit *lectures* tal-kors u t-Tribunal mhux konvint li entrapriza bhal Bristow Potteries Ltd ma kienetx ser thalli wiehed mill-haddiema taghha jtejjeb il-pozizzjoni tieghu f'dak li huwa *management*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm875) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------